# KUNSILL LOKALI IR-RABAT
# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA
# MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 68

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar**
**It-Tlieta 27 ta' Ġunju 2017 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** Data u ħin

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

*** **Is-Sindku Charles Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.**

**68.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

68.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Rudolf Grima u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

## 68.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 67

68.2.1 Il-minuti tas-seduta numru 67 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 67

## 68.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

68.3.1 Is-Sindku informa l-laqgħa li ser ikollu jinsab post alternattiv sabiex tittella' l-attività ta' Jum ir-Rabat 2017. Dan peress li kienet għadha ma ġietx riċevuta l-ebda tweġiba mingħand il-Pirjol tal-Kunvent ta' San Mark għat-talba tal-Kunsill, sabiex jagħmel użu miz-zuntier tal-Knisja ta' San Mark.

Komunikazzjoni mis-Sindku

Il-Kunsill innota b'dispjaċir dan in-nuqqas ta' koperazzjoni mill-Pirjol tal-Kunvent ta' San Mark, għalkemm l-istess Kunsill dejjem estenda l-koperazzjoni tiegħu fil-parametri tal-liġi ma kull għaqda jew entità mhux governattiva.

*** **Is-Sindku ppropona li jkun hemm bdil fl-ordni tal-aġenda billi *item* nru 68.4 tal-aġenda jiġi diskuss wara *item* nru 68.9 tal-aġenda. Dan sabiex l-*accountant* tal-Kunsill ikun preżenti. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.**

## 68.5 Tiġdid tal-ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv

68.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-perjodu ta' 90 jum mill-ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv kien wasal biex jiskadi. Ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill Ċirkulari 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Hija ssuġġeriet li terġa' tiġi nominata s-Sra Romina Perici Ferrante.

Tiġdid tal-ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li s-Sra Romina Perici Ferrante terġa' tiġi nominata Deputat Segretarju Eżekuttiv. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 68.6 Għażla tal-offerta għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Areas, parks* u ġonna bl-użu ta' miżuri li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent – RLC/T/0158/17

68.6.1 Is-Sindku ppreżenta r-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u l-Kunsill ikkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu. Fuq mozzjoni tal-Kunsillier Ian Vassallo, issekondata mill-Kunsillier Nazju Cassar il-Kunsill unanimament qabel li l-offerta RLC/T/0158/17 tingħata lill-offerent *Waste Collection Ltd*, peress li din kienet l-irħas offerta u li laħqet il-kriterji kollha mitluba.

Għażla tal-offerta għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Areas, parks* u ġonna bl-użu ta' miżuri li ma jagħmlux ħsara 'l-

ambjent – RLC/T/0158/17

**68.7 Għażla tal-offerta għal servizz ta' *Handyman* – RLC/T/0159/17**

68.7.1 Is-Sindku ppreżenta r-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u l-Kunsill ikkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu. Fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku Doris Coleiro, issekondata mill-Kunsillier Paul Grech, il-Kunsill qabel mal-proposta tal-bord li l-offerta RLC/T/0159/17 terġa' tinħareġ mill-ġdid, peress li l-unika offerta mitfugħa kienet taqbeż il-valur stmat.

Għażla tal-offerta għal servizz ta' *Handyman* – RLC/T/0159/17

**68.8 Petizzjoni sabiex isiru *traffic calmers* fiż-żona Tas-Salib**

68.8.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0570/17,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva petizzjoni miġbura minn diversi residenti li joqgħodu fiż-żona tas-Salib, fejn dawn qegħdin jitolbu sabiex isiru *traffic calmers* fit-triq minħabba sewqan eċċessiv.

Is-Sindku ppropona li tali petizzjoni u talba tinbagħat f'isem dawn ir-residenti lill-Transport Malta. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.

Petizzjoni sabiex isiru *traffic calmers* fiż-żona Tas-Salib

** Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li jiġi skużat fit-7.45 ta' filgħaxija.

**68.9 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

68.9.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 270 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Stephen Borg. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija skeda tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 270

**68.4 Ir-rapport tal-Awditur għas-sena 2016 u t-tweġiba tal-Kunsill għal dan ir-rapport**

68.4.1 Minkejja li kien hemm bdil fl-ordni tal-aġenda sabiex l-*accountant* tal-Kunsill ikun preżenti u billi dan baqa' ma attendhiex, il-Kunsill unanimament qabel li jipproċedi b'dan l-*item* tal-aġenda sabiex jirrispetta l-obbligi legali tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport tal-Awditur għas-sena 2016. Hija qalet li minkejja li l-amministrazzjoni tal-Kunsill ma qablitx mal-punti kollha tal-*Management Letter* tinnota b'sodisfazzjon it-titjib konsiderevoli li reġa' kien hemm għal dik is-sena, dwar l-operat amministrattiv tal-Kunsill. Kopja tar-rapport tal-Awditur tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Ir-rapport tal-Awditur għas-sena 2016 u t-tweġiba tal-Kunsill għal dan ir-rapport

** Il-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Stephen Borg talbu li jiġi skużat fit-8.00 ta' filgħaxija.

68.4.2 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw fuq il-mejda tal-Kunsill it-tweġiba tal-Kunsill għar-rapport tal-Awditur. Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li t-tweġiba tiġi approvata hekk kif ippreżentata. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tat-tweġiba tal-Kunsill tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

*** **Il-Kunsill kompla bl-ordni tal-aġenda.**

**68.10 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

68.10.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 25 ta' Lulju 2017 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

68.10.2 Il-laqgħa ntemmet fit-8.15 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum ............................ ........... ta'......................... 2017

| | |
|---|---|
| **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
| **Charles Azzopardi** | **Orietta Cardona** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |